*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2012/2065(INI)**

10.1.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar theddid għas-saħħa okkupazzjonali marbut mal-asbestos u prospettivi għall-eliminazzjoni tal-asbestos eżistenti kollu
(2012/2065(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Sabine Wils



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddeplora n-nuqqas ta' informazzjoni minn bosta Stati Membri li jimpedixxi tbassir affidabbli tal-mortalità marbuta mal-mesoteljoma fl-Ewropa filwaqt li, skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), kull sena jiġu rreġistrati bejn 20 000 u 30 000 każ ta' mard relatat mal-asbestos fl-UE biss, u li fl-UE aktar minn 300 000 ċittadin huwa mistenni li jmut mill-mesoteljoma sal-2030; f'dan il-kuntest jagħti importanza kbira liċ-ċittadini biex jiġu informati u mħarrġa u jkun hemm skambji tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri għad-dijanjożi tal-mard relatat mal-asbestos;

2. Jenfasizza li t-tipi kollha ta' mard relatati mal-asbestos bħall-kanser tal-pulmun u l-mesoteljoma plewrali – ikkawżati minn fibri tal-asbestos fl-ajru li jittieħdu bin-nifs, li tant huma rqaq li jilħqu l-alveoli u li huma twal biżżejjed biex jiżbqu d-daqs tal-makrofaġi, kif ukoll tipi differenti ta' kanser ikkawżati mhux biss mill-fibri fl-arja li jittieħdu bin-nifs iżda wkoll bl-inġestjoni ta' ilma li jkun fih il-fibri li jkunu ġejjin mill-pajpijiet tal-asbestos – ġew rikonoxxuti bħala periklu tas-saħħa u jistgħu jieħdu ħafna deċennji, f'ċerti każijiet aktar minn 40 sena, biex isiru evidenti;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sentenza, li nqatgħet fit-13 ta' Frar 2012 minn qorti f'Turin, dwar il-konsegwenzi fatali tal-asbestos fejn l-eks sid u l-eks direttur tal-fergħa Taljana tal-kumpanija Eternit ġew akkużati bħala responsabbli għal madwar 3 000 każ ta' mewt relatati mal-asbestos u ġew ordnati jħallsu kumpens għad-danni lill-vittmi u lill-qraba tagħhom u lill-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

4. Jinnota li l-asbestos għadu preżenti f'ħafna minjieri miftuħa tal-asbestos, miżbliet mhux sikuri, sistemi ta' provvista tal-ilma, relitti viċin il-kosta u bastimenti, f'binjiet pubbliċi u privati (l-aktar fis-soqfa, fl-art, fil-madum tal-linoljum u tal-vinil), fil-ferroviji, bunkers, mini u passaġġi ta' taħt l-art, f'ċerti tipi ta' żrar li jintuża biex fuqu titqiegħed il-linja ferrovjarja kif ukoll f'attivitajiet ta' twaqqigħ ta' bini u pproċessar tal-iskart li jafu jinvolvu s-sospensjoni mill-ġdid ta' fibri individwali; jinnota li, ta' spiss, il-post eżatt fejn jinsab tali asbestos mhuwiex magħruf u, bħala konsegwenza, huwa ta' periklu għas-saħħa mhux biss għall-ħaddiema esposti imma għall-pubbliku in ġenerali wkoll; jinnota f'dan il-kuntest, 'li l-allokazzjoni ta' fondi għall-prevenzjoni u t-trattament tista' twassal għar-riabilitazzjoni ambjentali ta' siti perikolużi u tnaqqis fl-ispejjeż tal-kura tas-saħħa, bil-benefiċju miżjud li tiġġenera l-impjiegi;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi attivitajiet ta' riċerka u rimedju mmirati biex jevitaw is-sospensjoni mill-ġdid ta' fibri individwali, u/jew biex jeqirdu l-istruttura kristallina simili għal fibri tal-asbestos;

6. Jilqa' l-inizjattivi f'ċerti reġjuni u Stati Membri mmirati lejn is-sostituzzjoni tal-asbestos mis-soqfa tal-matmura u minn bini rurali b'pannelli solari, biex b'hekk tinħoloq sitwazzjoni pożittiva minn kull lat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw dan l-approċċ fi ħdan il-qafas tal-politika tal-iżvilupp rurali tal-UE.

7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-każijiet kollha ta' asbestosi, mesoteljoma u mard relatat jiġu rreġistrati permezz ta' ġbir sistematiku ta' data dwar il-mard okkupazjonali u mhux okkupazzjonali marbut mal-asbestos, biex jikkategorizzaw u uffiċjalment jirreġistraw il-plakki plewrali bħala mard relatat mal-asbestos, u biex jipprovdu, bl-għajnuna ta' osservatorji dedikati, mappa affidabbli tal-preżenza tal-asbestos; jenfasizza li tali reġistru u mappa fil-livell tal-UE għandhom jinkludu l-post eżatti fejn jinsabu s-siti pubbliċi u privati li fihom l-asbestos, kif ukoll jipprovdu dettalji ċari ta' dawk il-miżbliet li fihom l-iskart tal-asbestos, sabiex jiġi evitat li xi ħadd li ma jkunx jaf bis-sitwazzjoni jiddisturba l-art fejn jinsab midfun tali materjal, u biex jikkontribwixxu għal azzjonijiet ta' prevenzjoni u rimedju;

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tfassal studju (rapport) li jirrekordja l-problemi kkawżati mill-użu tal-asbestos f'kull Stat Membru, u biex tidentifika azzjonijiet immirati fejn l-aktar ikunu meħtieġa, bħat-tneħħija sikura tal-asbestos mill-bini pubbliku, billi tispeċifika l-fondi li se jkunu bżonnjużi għal dan il-għan;

9. Jenfasizza li indipendentement mis-sors tal-espożizzjoni jew l-istatus ta' impjieg tal-persuna esposta, il-vittmi kollha tal-asbestos fl-UE u l-qraba tagħhom jistħoqqilhom id-dritt li jirċievu kura medika rapida u xierqa u appoġġ finanzjarju adegwat mill-iskemi tas-saħħa nazzjonali tagħhom;

10. Jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-assoċjazzjonijiet u l-gruppi tal-vittmi tal-asbestos u ta' assoċjazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili, u jirrakkomanda li l-Istati Membri u l-UE jipprovdu finanzjament xieraq biex jappoġġaw xogħolhom u jikkollaboraw magħhom sabiex jiġi stabbilit pjan komprensiv għall-eliminazzjoni tal-asbestos eżistenti kollu fl-Ewropa; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li l-pubbliku jkun infurmat u l-importanza tat-taħriġ speċjali tal-persunal mediku;

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iwettqu azzjoni ta' riċerka fir-rigward tal-iskala u l-gravità tal-impatti psikoloġiċi klinikament miżurabbli fil-komunitajiet madwar l-UE tal-mard attribwibbli unikament għall-espożizzjoni għall-asbestos[1];

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkommettu ruħhom għall-iskadenza tal-2023 proposta mit-trejdunjins għall-projbizzjoni totali tal-asbestos fl-UE, filwaqt li jtemmu kull eżenzjoni fir-rigward tad-dijaframmi tal-asbestos chrysotile, biex jitbaxxa l-limitu tal-esponiment tal-ħaddiema għall-fibri tal-asbestos, stipulat fid-Direttiva 2009/148/KE, billi jiżdiedu d-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u jiġi żgurat ir-rimedju xieraq tas-siti pubbliċi u privati kollha affettwati, inkluż il-miżbliet mhux sikuri, u biex jiġu eliminati gradwalment is-siti mhux sikuri u perikolużi li fihom l-asbestos mal-UE;

13. Jinnota li, fir-rigward tal-immaniġġjar tal-iskart tal-asbestos, iridu jittieħdu wkoll miżuri – bil-kunsens tal-popolazzjonijiet ikkonċernati – biex titħeġġeġ u tiġi appoġġata r-riċerka għall-alternattivi ekokompatibbli u t-teknoloġija li tużahom u biex jiġu żgurati proċeduri,

[1] Il-mesoteljoma tqiegħed kemm lill-vittmi kif ukoll lill-familji tagħhom f'sitwazzjoni estremament diffiċli biex ilaħħqu magħha, anke mil-lat psikoloġiku. Minn riċerka li twettqet f'Casale Monferrato mill-Università ta' Turin (Professur A. Granieri) irriżulta li dawk li jbatu bil-mesoteljoma u l-familji tagħhom juru sintomi psikoloġiċi varji li jaqgħu fid-definizzjoni xjentifikament aċċettata ta' disturbi ta' stress post trawmatiku (PTSD).

bħan-newtralizzazzjoni tal-iskart li fih l-asbestos, biex jiġu deattivati l-fibri tal-asbestos attivi u jinqalbu f'materjali li ma joħolqux riskji għas-saħħa pubblika;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrevedu d-dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet għall-asbestos chrysotile fl-Anness XVII tar-Regolament REACH u biex jiżguraw li s-sostituzzjoni ssir qabel ma jispiċċa l-perjodu ta' eżenzjoni ta' għaxar snin mogħtija fl-2009;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex isaħħu l-kontrolli bżonnjużi sabiex il-partijiet interessati kkonċernati kollha jkunu obbligati, b'mod partikolari dawk involuti fit-trattament tal-iskart tal-asbestos fil-miżbliet, jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tas-saħħa kollha stipulati fid-Direttiva 2009/148/KE, u jiżguraw li l-iskart kollu li fih l-asbestos, irrispettivament mill-kontenut tal-fibri tiegħu, jiġi klassifikat bħala skart perikoluż skont id-Deċiżjoni 2000/532/KE aġġornata; Jenfasizza li tali skart irid jintrema biss f'miżbliet dedikati għall-iskart perikoluż, kif previst fid-Direttiva 1999/31/KE, jew fejn jingħata l-permess, jiġi proċessat f'impjanti dedikati, ittestjati u sikuri għat-trattament u n-newtralizzazzjoni, fejn il-popolazzjoni ikkonċernata għandha tkun infurmata.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.11.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 49<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Sergio Berlato, Nessa Childers, Yves Cochet, Chris Davies, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Elisabetta Gardini, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Jo Leinen, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Oreste Rossi, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Salvatore Tatarella, Thomas Ulmer, Åsa Westlund, Glenis Willmott, Sabine Wils |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Nikos Chrysogelos, Julie Girling, Georgios Koumoutsakos, Judith A. Merkies, Britta Reimers, Birgit Schnieber-Jastram, Alda Sousa, Rebecca Taylor, Marita Ulvskog, Andrea Zanoni |